MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 320/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Carmelo Darmanin**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Carmelo Darmanin ta’ 59 sena, bin il-mejtin Antonio u Carmela nee’ Tanti, imwieled Haz-Zabbar fid-19 ta’ Marzu, 1951 u residenti fil-fond numru 87. Sqaq Nru 3, Triq il-Grazzji, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 339551(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul ix-xahar ta' Settembru 2009 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-art. 18, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) Matul ix-xahar ta' Settembru 2009 u fix-xhur ta' qabel dina d-data, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal-persuna ohra, mis-somma ta' mhux aktar minn 769.35 ewro, ghad-dannu ta' diversi persuni u liema somma tappartjeni lis-Socjeta' tal-Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel u li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, il-flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

b) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi weras haga b'ohra sabiex igieghel tirtwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn 769.35 ewro bi hsara tas-Socjeta' tal-Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel u persuni ohra;

c) Iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti, skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom;

d) Ikkommetta dawn ir-reati filwaqt li huwa ufficcjal jew impjegat pubbliku b'hekk sar hati ta' reat iehor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, dan;

e) Matul ix-xahar ta’ Settembru 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, ghamilha ta’ kollettur ghall-ghanijiet ta’ gabra minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

f) Matul ix-xahar ta’ Settembru 2009 u fix-xhur ta’ qabel dina d-data, xjentement b’ mod qarrieqi, ghamel uzu minn distintiv jew mezz jew certifikat jew dokument iehor li jkun hekk jixbah distintiv preskritt jew certifikat ta’ awtorita’ preskritt.

g) Kiser kundizzjoni li giet imposta fuqu wara li nghata sentenza mill-Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D. nhar is-7 t’April 2009.

h) Sar recidiv b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mituba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Novembru 2010 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar tas-26 ta’ Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat is-sottmissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2010 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Borg qed jirtira l-akkuzi mmarkati bhala D u H fil-konfront tal-imputat.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta, l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ic-cirkustanzi partikolari tal-kazu jidrilha li m'ghandiex timponi piena karcerarja effettiva u sejra ghalhekk tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309, 310 u 183, 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 3, 5(1) u 8(b) tal-Kap. 279 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuzi immarkati bhala a, b, c, e, f u g kif minnu ammessi tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba'(4) snin millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizzjoni taht is-Supervizur Maryanne Zammit.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt(6) xhur millum ihallas lis-Socjeta’ Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel is-somma ta’ seba’ mija u disa’ u sittin ewro u hamsa u tletin ewro centezmi (€769.35).

In vista tal-fatt li l-akkuzi mmarkati bhala d u h gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------